



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2019
COM(2019) 574 final

2010/0180 (NLE)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni
Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan,
min-naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, ġie nnegożjat skont l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill f'Ġunju 2007.

Dan il-Ftehim ġie ffirmat fil-15 ta' Diċembru 2010, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni 2012/750/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill¹. Min-naħa tal-UE, kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma partijiet f'dan il-Ftehim.

Il-proċess ta' ratifika tlesta mill-Istati Membri kollha, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja. Ir-Repubblika tal-Kroazja taderixxi mal-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-5 ta' Diċembru 2011 u l-Protokoll rilevanti dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għal dan il-Ftehim ġie ffirmat fit-3 ta' Mejju 2016².

Bl-għan partikolari li jitqies id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-Każ C-28/12, din il-proposta timmodifika l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni (f'COM(2010)332 final³), li ġiet adottata fl-24 ta' Ġunju 2010 u sussegwentement tressqet quddiem il-Kunsill. Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżami mill-Kunsill, it-test rilevanti kollu qiegħed jiġi ppreżentat bħala proposta emendata.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- Sommarju tal-ftehim propost

Il-Ftehim jikkonsisti mit-test ewlieni, li jinkludi l-prinċipji ewlenin, u erba' Annessi, li huma: L-Anness dwar is-servizzi miftehma u r-rotot speċifikati, l-Anness II dwar id-

¹ Id-Deċiżjoni 2012/750/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (ĠU L 334, 6.12.2012, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/803 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 132, 25.5.2016, p.79)

³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1561651763204&uri=CELEX:52010PC0332>

dispożizzjonijiet tranżizzjonali, l-Anness III li jinkludi lista tar-regoli marbutin mal-avjazzjoni ċivili, u l-Anness IV b'lista ta' Stati oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4, u fl-Anness I.

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fis-15 ta' Diċembru 2010, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni 2012/750/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill⁵.
- (2) Il-Ftehim ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja. Ir-Repubblika tal-Kroazja taderixxi mal-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-5 ta' Diċembru 2011, u l-Protokoll rilevanti dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għal dan il-Ftehim ġie ffirmat fit-3 ta' Mejju 2016⁶.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (4) L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2012/750/UE jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet u dwar ir-rappreżentazzjoni fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet stipulati fil-Ftehim. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-Każ C-28/12, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet titwaqqaf. Wara li ġew ikkunsidrati t-Trattati, mhumiex meħtieġa dispożizzjonijiet ġodda dwar dawk il-kwistjonijiet, u lanqas ma huma meħtieġa dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tal-informazzjoni tal-Istati Membri, li jinsabu fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni.

⁴ L-approvazzjoni ta' [data] (għadha mhix ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).

⁵ Id-Deċiżjoni 2012/750/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (ĠU L 334, 6.12.2012, p. 1).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/803 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 132, 25.5.2016, p.79)

Konsegwentement, jenħtieġ li l-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2012/750/UE jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, .

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni⁷.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 21 tal-Ftehim dwar is-sempliċi inklużjoni ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-Anness III (il-Lista ta' regoli għall-avjazzjoni ċivili) tal-Ftehim, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni ma' Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 3

L-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2012/750/UE għandhom jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
[...]

⁷ Il-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 334, 6.12.2012, p. 3, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.